MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 872/2012

**Torri Garden Limited**
**vs**
**Carmen sive Charmaine Ellul f'isimha proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' uliedha minuri Rennie, Melvin, Clayton u Christopher ahwa Micallef**

**Il-Qorti**

Reghet rat ir-rikors;

Rat id-digriet precedenti taghha tas-7 ta' Settembru 2012 fejn talbet lir-rikorrenti jispecifika taht liema ligi qed jitlob ir-revoka contrario imperio tal-mandat ta' inibizzjoni mahrug kontrih;

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-25 ta' Settembru 2012 fejn issottometta illi dan kien principju accettat fil-gurisprudenza;

Rat illi r-rikorrenti specifikament qed jiskludi li qed tintalab ir-revoka tal-mandat a bazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 izda jzomm impregudikat dan id-dritt;
Il-Qorti wara li rat in-nota tar-rikorrenti ma tqis illi ghandu r-rimedju tar-revoka contario imperio minghajr ma tali revoka tigi allacjata ma’ xi wiehed mis-subartikolu tal-artikolu 836 li jaghmilha cara taht liema kondizzjonijiet tista’ tigi mitluba revoka ta’ mandat kawtelatorju;

L-artikolu 229(4) jaghti lill-parti d-dritt ta’ talba ghal revoka minn digriet fil-kazijiet specikati fis-subartikolu (2) u (3) tal-istess artikolu. L-artikolu 229(2) mhux applikabbli ghax l-ebda cirkostanza hemm imsemmija ma tirreferi ghal mandat ta’ inibizzjoni u l-artikolu 229(3) mhux applikabbli billi dan jirreferi ghal digriet interlokutorji ohra, cioe digrieti li b’xi mod jirregolaw l-andament ta’ kawza. F’dan i
l-kaz mandat ta’ inibizzjoni ma jirregolax l-andament ta’ kawza izda semmai jirregola l-komportament tal-partijiet fuq l-oggett tal-kawza;

Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rikors kif maghmul ma jistax jigi mistharreg mill-Qorti u qed tichdu bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------